MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tat-22 ta' Frar, 2007

Appell Kriminali Numru. 23/2007

Il-Pulizija

Vs

Keith Schembri

Il-Qorti;

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fl-4 t’April, 2006, ghall-habta tal-23.30 hrs f’Hal-Far,
1. saq l-imsemmija vettura ROB-969 minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita’ dwar it-Trasport ta’ Malta jew minghajr licenzja tas-sewqan specifikata ghall-imsemmija vettura;
2. b’hekk ma kienx kopert bil-polza tas-sigurta’ dwar ir-riskju tat-terzi persuni.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-22 ta’ Jannar, 2007, li biha, wara li rat l-artikoli 15 (1)(a)(3) u AL 191/2002, 3 Kap. 104 u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 37 tal-Kap. 9, sabet lill-appellant hati w ikkundannatu ghall-hlas ta’ ammenda ta’ LM25 fuq l-ewwel akkuza w LM25 fuq it-tieni akkuza w skwalifikatu milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien sena (1).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-31 ta’ Jannar, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma w tvarja s-sentenza appellata w dan billi, filwaqt li tikkonfermaha inkwantu sabitu hati tal-ewwel u t-tieni akkuza, tissostitwixxi l-piena nflitta b’wahda anqas severa sa fejn jirrigwarda dik ta’ skwalifika ghal sena milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat illi l-aggravju tal-appellat, li jirrigwarda biss il-piena tal-iskwalifika ghal zmien sena milli jkollu jew jottjeni licenzji tas-sewqan huwa bazat fuq il-fatt li l-appellant kellu inqas minn tmintax il-sena u li kien biss l-ewwel reat tieghu. Ghalhekk il-periodu tal-iskwalifika kien wiehed eccessiv u sproporzjonat .

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi ma jidhirx li hemm jew jista’ jkun hemm aggravju dwar il-piena pekunjarja ta’ LM25 ammenda erogata mill-Ewwel Qorti ghaz-zewg imputazzjonijiet li taghhom gie dikjarat hati l-appellant. Dawn kienu jgibu piena minima ferm oghola minn dik erogata, kieku ma kienx il-kaz li l-Ewwel Qorti applikat favur l-appellant il-beneficcju tar-riduzzjoni fil-piena skond l-artikolu 37 tal-Kodici Kriminali, stante li hu kien ghadu ma ghalaqx it-tmintax il-sena.

Pero’ l-artikolu 37 ma japplikax ghall-sanzjoni ta’ skwalifika mill-licenzji tas-sewqan. Hawn ma hemmx gradi ta’ piena kif provvdut fl-artikolu 31 tal-Kodici Kriminali, fejn il-gudikant jista’ jitla’ jew jinzel fil-piena. Hemm biss piena minima tassattiva, li fil-kaz ta’ sewqan bla kopertura ta’ polza tal-assikurazzjoni kontra r-risjki ta’ terzi, hija ta’ skwalifika mil-licenzji ghal periodu ta’ sena, skond l-art.3 (2A) tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta’ Malta. Hu minnu li dan l-artikolu jipprovdi li din l-iskwalifika tista’ma tinghatax jekk il-Qorti <u>ghal ragunijiet specjali</u> tikkunsidra li tordna mod iehor, pero’ f’ dan il-kaz ma tirrizulta ebda raguni specjali li tista’ b’ xi mod tiggustikfika li din il-Qorti teroga skwalifika inqas minn dik tassattivament iffissata mill-ligi.

Ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

Il-periodu tal-iskwalifika tal-appellant milli jottjeni licenzja tas-sewqan ghandu jibda’ ssehh minn-nofs il-lejl tal-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------